


Il-15-il Ħadd matul is-sena • Sena A • Id-39 Sena (2051) • 13 ta' Lulju 2008

**Qari mill-Evanġelju ta' San Mattew** (Mt. 13. 1-23)



Dakinhar Ġesù ħareġ mid-dar, mar f'xatt il-baħar u qagħad bilqiegħda hemm. U nġabru madwaru folol hekk kbar ta' nies li kellu jitla' fuq dgħajsa u jinżel bilqiegħda fiha; in-nies qagħdu lkoll wieqfa fuq ix-xatt, u hu beda jkellimhom fuq bosta ħwejjeġ bil-parabboli. U qalilhom: "Darba wieħed bidwi ħareġ jiżra'.
Huwa u jiżra', xi żerrigħat waqgħu mal-mogħdija; ġew l-għasafar u naqqruhom kollha. Oħrajn waqgħu f'art kollha blat, fejn ma kienx hemm wisq ħamrija, u malajr nibtu, għax il-ħamrija ma kinitx fonda; iżda mbagħad telgħet ix-xemx, u nħarqu u nixfu, għax ma kellhomx għeruq. Oħrajn waqgħu qalb ix-xewk, u x-xewk kiber magħhom u ħonoqhom. Imma oħrajn waqgħu f'art tajba, u għamlu l-frott, min mija, min sittin, u min tletin. Min għandu widnejn, ħa jisma'?"

**RIFLESSJONI**

- Ġesu' kellu folol kbar jiġru warajh biex jisimgħu l-kelma tiegħu. Inħobb infittex lil Ġesu' biex nisma' l-kelma tiegħu?
- Inħejji lill-qalbi biex tkun art tajba ħalli tilqa' l-kelma ta' Alla?
- Tistħoqqli ċ-ċanfira li għamel Ġesu' lill-poplu għax kellu rasu iebsa għall-kelma tiegħu?
- Qiegħed inkun għassa biex ma' nħallix lill-għadu jisraqli l-kelma ta' Alla minn qalbi ?
- Qiegħed inħalli lill-kelma ta' Alla tagħmel frott, jew hemm fija xi atteħġjament li johnoqha ?



*"Meta San Pawl intilef fl-ibħra tal-Mediterran u nkalja ma' gżira li kien jisimha Malta, id-diżgrazzja tiegħu nbidlet fi grazzja għalina."* (Mill-Pastorali ta' l-Isqfijiet għas-Sena Pawlina)

Kien b'dan il-kliem li l-Isqfijiet tagħna fetħu l-ittra pastorali tagħhom għas-Sena Pawlina, sena li fiha l-Ispirtu s-Santu ser jgħaddi fostna biex iġeddidna bix-xandir mill-ġdid tal-Bxara t-Tajba.

Dak li għal għajnejna jkun jidher diżgrazzja, jekk ikun ġej minn Alla jissejjaħ GRAZZJA.

U hawnhekk l-ewwel sejħa ta' tiġdid, fil-moħħ ċkejken tagħna, li ma jarax ħlief sal-qrib u ma jifhimx l-azzjoni providenzjali t'Alla. Ma jifhimx, għax ma jħobbx. Tant li Ġesu' innifsu jistqarr: "Lil min iħobbni nuri lili nnifsi lilu".

Nitolbu mela f'din l-ewwel fażi tas-Sena Pawlina li qed tiftaħ, biex qalbna tfur mill-ġdid bl-imħabba lejn Alla fost il-ħafna distrazzjonijiet tad-dinja, biex il-gwaj li jiġi fuqna ma jaħsadniex u nindunaw li ħafna drabi jkun hemm warajh is-saba' ta' Alla.

*Arċ. Kan Dr Joe Zammit - Qala*

## *Jistgħu jinteressawk*

*Tlieta 15 ta' Lulju:* *Laqgħa għall-Kummissjoni Missjoni Djoċesana u għad-Diriġenti ta' l-Għaqdiet u l-Movimenti ekkleżjali(Ċentru Ragħaj it-Tajjeb)*

gozopress • 21551534

## *It-Talba tal-ġimgħa*



Mulej Ġesu, iftaħli qalbi għall-kelma tiegħek, u rattaba bix-xita tal-grazzja tiegħek ħalli tagħmel frott ta' għemejjel tajba.